# *MINUTI*

## *KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ (IT-TIELET KUNSILL)*

## *LAQGĦA NUMRU SITTA U ĦAMSIN*

***26 ta' Frar, 2002***

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab Dar Mattia Preti, 4, Triq il-Fjuri, fis-6.25 ta' filgħaxija.*

*Is-Sindku Antonia Farrugia, ippresediet.*

## *PREŻENTI*

*Is-Sindku Antonia Farrugia, l-Kunsillier Mario Sammut, l-Kunsillier Raymond Grixti u l-Kunsillier Emanuel Briffa.*

*L-Uffiċċjal preżenti kien is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*Il-Viċi Sindku Mark Spiteri kien preżenti għal-laqgħa mis-6.50pm 'il quddiem.*

### *SKUŻATI*

*Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo u l-Kunsillier Joseph D'Amato.*

## *MINUTI*

### *56.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

### *56.1.1 Approvazzjoni tal-Minuti*

*KLZ07/02 Il-Kunsillier Emanuel Briffa ressaq din il-mozzjoni:*

*"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 55 kif ippreżentati."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Sammut u għaddiet nem.con.*

***Punti li tqajjmu mill-Minuti***

***Triq il-Kanonku Vincenz Balzan***

*Il-Kunsill kien infurmat b'xogħol li qed isir f'din il-parti tat-triq relatat ma' kostruzzjoni ta' sit. Sabiex jiġi evitat kull periklu u ħsarat kien hemm qbil li dan il-każ jiġi segwit bl-assitenza tal-Pulizija u l-Awtorita ta' l-Ippjanar.*

*56.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

*56.2.1 Petizzjoni mir-residenti ta' Triq Ħal Millieri*

*Is-Sindku infurmat lill-Kunsill b'petizzjoni magħmula mir-residenti ta' Triq Ħal Millieri, fejn issuġġerew li jsir kanal f'ġenb tat-triq, meta jkunu ser isiru x-xogħlijiet ta' għoti ta' tarmakk. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġeriment jitqajjem meta jkunu qed jiġu ffinalizzati l-pjanijiet tiegħu għall-inħawi.*

*56.2.2 Devoluzzjoni tad-Dwal tat-Triq*

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill b'ittra mibgħuta mill-Grupp ta' Kunsill tar-Reġjun lill-Konsulent tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar informazzjoni meħtieġa dwar l-istat ta' dwal preżent, it-twettiq bi skeda tax-xogħlijiet pendenti mill-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll dwar ħsarat li jsiru lil terzi persuni.*

*56.2.3 Ġemellaġġ ma' Morphou*

*Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li s-Sindku ta' Morphou kien ġie nfurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill, dik li t-tieni parti tal-ftehim isir wara l-elezzjonijiet.*

*56.2.4 Ħlasijiet lill-Ministeru għall-Ambjent*

*Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ma kienet riċevuta l-ebda risposta mingħand il-Ministeru għall-Ambjent għall-informazzjoni li talab il-Kunsill, sabiex jiġu kkonfermati żewġ proġetti speċifiċi relatati mal-ftehim bejn iż-żewġ partijiet.*

*56.2.5 Żvilupp fi Triq San Luqa*

*Il-Kunsill ġie mgħarraf li kienet saret oġġezzjoni għal proposta ta' żvilupp fi Triq San Luqa kantuniera ma' Triq Bur Lanġasa li ġġib ir-referenza 6133/01.*

*56.2.6 Ħlasijiet ta' kontijiet tal-Maltacom*

*Is-Sindku infurmat lill-Kunsill bi proposta li għamlet il-Maltacom plc lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jibdew jiġu mħallsa l-kontjiet tat-telefon fl-uffiċċju tal-Kunsill.*

*Il-Viċi Sindku Mark Spiteri daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju (6.50pm).*

*Wara diskussjoni li saret dwar il-kuntratt propost, kien hemm qbil li jiġi mibgħut dan il-komunikat lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali:*

*"Il-Kunsill Lokali Żurrieq, wara li kkunsidra bir-reqqa l-proposta magħmula mill-Maltacom plc, kif ukoll l-ammont potenzjali ta' kontijiet u flejjes li jistgħu jiġu mħallsa fl-Uffiċċju tal-Kunsill:*

*Unanimament qabel li ma jistgħax jaqbel mal-kundizzjonijiet stipulati f'abozz tal-kuntratt propost mill-Maltacom plc minħabba dawn ir-raġunijiet primarji:*

*il-proposta ta' 25 ċenteżmu bħala management fee lill-Kunsill, mhix vijabbi, sakemm din ma tkunx emendata u tiġi tlaħħaq għal ta' l-anqas 10% ta' l-ammont ta' kull kont;*

*ma hemmx inklużi miżuri ta' sigurta preventiva għall-impjegati tal-Kunsill Lokali kif ukoll għall-flejjes li ser jinġabru u li huma ta' din il-kumpanija; u*

*dan il-ftehim ser ikollu impatt konsiderevoli fuq l-operat tar-riżorsi umani tal-Kunsill Lokali u din il-funzjoni l-ġdida twassal sabiex tonqos il-kwalita għolja tas-servizzi li jingħataw preżentament mill-Uffiċċju sabiex jitwettqu l-obbligi u funzjonijiet statutorji tal-Kunsilli Lokali.*

*Fl-istess waqt, il-Kunsill Lokali Żurrieq ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jikri lill-Maltacom plc parti mill-uffiċċju tiegħu sabiex rappreżentanti tagħha fi ġranet stipulati jaċettaw ħlasijiet tal-kontijiet, biex il-pubbliku jkun jista jiġi moqdi aħjar. Dan sakemm din il-kumpanija tipprovdi wkoll mezzi ta' sigurta li jiġu miftiehma minn qabel ma' l-istess Kunsill.*

*Fin-nuqqas ta' qbil dwar dawn il-punti, il-Kunsill hu kostrett jikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu fil-futur."*

### *56.2.7 Laqgħa mill-MIC*

*Il-Kunsill wara li kkunsidra talba li saret mill-Malta-EU Information Centre sabiex isiru laqgħat informattivi fil-lokalita, qabel li jikkunsidra mill-ġdid din it-talba wara li jkun qed jopera mill-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid. Dan peress li fil-preżent mhux possibli li jsiru attivitajiet simili minħabba n-nuqqas ta' spazju kif ukoll l-aċċessibilita.*

### *56.2.8 Talba għal permess ta' tabelli*

*Il-Kunsill ikkunsidra applikazzjoni li saret minn Bodies Southern Beauty Centre Limtied sabiex jiġu ratifikati numru ta' tabelli li twaħħlu fiż-Żurrieq sabiex jindikaw it-triq għal ħanut tagħhom.*

*Il-Kunsill approva din it-talba filwaqt li nnota li għandhom jinġiebu l-permessi tal-Korporazzjoni Enemalta billi ġie ndikat li t-tabelli twaħħlu ma' arbli ta' din il-Korporazzjoni.*

### *56.2.9 Kors għas-Segretarji Eżekuttivi*

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li l-Assoċjazzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi kienet ser torganizza kors flimkien mal-Malta Institute of Management. Għalhekk ġie suġġerit li l-Kunsill japprova l-attendenza tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll iħallas Lm195 bħala subscription fee.*

*Il-Kunsill unanimament approva li jagħmel tajjeb għal ħlas ta' dan il-kors.*

### *56.2.10 Proposti għal Bus Shelters ġodda*

*Is-Sindku għamlet referenza għal-laqgħa li kienet inżammet mal-kumpanija responsabbli mit-twaħħil ta' bus shelters ġodda, fejn ġew indikati diversi siti li hemm problemi dwarhom sabiex jiġu nstallati l-bus*

*shelters proposti mill-Kunsill. Semmiet ukoll illi l-proċess li jmiss hu dak li jsiru l-applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita ta' l-Ippjanar bil-prezz ta' Lm 70 għal kull applikazzjoni, kif ukoll li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita qed titlob li jiġu mwessgħin diversi bankini li ser ikollhom bus shelter.*

*Wara li l-Kunsill ikkunsidra kull applikazzjoni kif ukoll l-implikazzjonijiet msemmija fir-rigward ta' ħlasijiet u arranġamenti oħra, kien hemm qbil li jiġu magħżula dawk il-bus shelters li huma ta' prijorita.*

### *56.3 Kunsiderazzjoni: Ilmenti mqajjma fil-Laqgħa Annwali għal Hamlet ta' Bubaqra*

*Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-ilment li tressqu fil-Laqgħa Annwali għal hamlet ta' Bubaqra li nżammet nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar.*

*L-ilmenti mressqa kienu s-segwenti:*

*Twaqqiegħ ta' dar fi Triq Santa Marija u formazzjoni ta' toroq*
*Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mad-Dipartiment tat-Toroq dwar dawn is-suġġetti, bil-għan li x-xogħol imwiegħed jibda jiġi mwettaq.*

*Sleeping Policeman fi Triq it-Torri*
*Il-Kunsill approva li jinġiebu l-permessi neċessarji sabiex is-sleeping policeman mitlub f'din it-triq tiġi mwettqa.*

*Tindif ta' artjiet mhux mibnija*
*Il-Kunsill qabel li jsir appell mill-ġdid sabiex il-propjetarji ta' artijiet mhux mibnija jibnu l-boundary wall. Dan sakemm ikun hemm bdil fil-liġijiet u dan ikun obbligatorju.*

*Traffic Management fi Triq Matteolo Saliba*
*Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tat-traffic management f'din it-triq.*

*Indafa fi Triq Isuard Xuereb u Triq l-Iskultur Fabri*
*Il-Kunsill kien infurmat li twaħħlet tabella f'dawn l-inħawi kif ukoll li t-tindif mitlub twettaq.*

*Kampanja edukattiva dwar l-ambjent*
*Il-Kunsill laqa s-suġġeriment li fl-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid jibdew isiru laqgħat sabiex jedukaw il-komunita' dwar il-ħarsien ta' l-ambjent u suġġetti relatati.*

*Rijabilitazzjoni ta' Wied Fulija*
*Il-Kunsill qabel li jkompli bl-impenn tiegħu sabiex isegwi kull żviluppi li jkunu qed iseħħu, issa li nħarġet is-sejħa għall-offerti mill-Gvern Ċentrali sabiex isir ir-rijabilitazzjoni ta' miżbliet, li jinkludu dik ta' Wied Fulija.*

*Riallokazzjoni tal-Berġa tas-Saħħa*
*Peress li ma sarx progress dwar it-talba tiegħu, il-Kunsill qabel li għandha tinbagħat korrispondenza oħra lill-Minsteru ikkonċernat.*

*Sleeping Policeman fi Triq San Leone*
*Il-Kunsill qabel li l-isleeping policeman mitluba ssir viċin ir-residenza li ġġib l-indirizz, 10, Triq San Leone, skond il-permess maħrup mit-Traffic Control Board.*

*Triq Kalanġ Buġeja*
*Il-Kunsill qabel li t-tiswija meħtieġa ssir.*

*Triq il-Luq u Triq ir-Rettur*
*Il-Kunsill qabel li jkompli bl-isforzi tiegħu sabiex f'dawn it-toroq isir fihom ix-xogħol infrastrutturali meħtieġ kif ukoll dawk relatati mas-servizz tad-dwal tat-toroq u l-mejns ta' l-ilma.*

### *56.4 Preparazzjoni: Laqgħa Annwali tal-Lokalita*

*Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Friends of Francis Ebejer Memorial Committee, wara kuntatt li sar magħhom mill-Kunsillier Raymond Grixti, kien ser jgħaddi żewġ wheelchairs lill-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jiġu mislufa lil ċittadini Żrieraq. Il-preżentazzjoni tagħhom kellha ssir qabel tibda l-laqgħa annwali.*

*Kien hemm qbil li dawn il-wheelchairs għandu jiġu mislufa lis-Sur Joseph Mangion, li joqogħod 65, Triq San Luqa u lis-Sinjura Marian Cachia li toqogħod 'Melita', Triq Santa Katerina.*

*Kienet ukoll approvata l-aġenda kif ukoll li ssir bibita fi tmiem il-laqgħa.*

### *56.5 Kunsiderazzjoni: Estimi Annwali 2002-2003*

*Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lil Kunsill l-ewwel abozz ta' l-estimi annwali għas-sena finanzjarja li tibda mill-1 ta' April, 2002, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-minuti.*

*L-estimi juru total ta' fondi disponibbli għall-infiq ta' Lm 244, 829 u nefqa rikorrenti ta' Lm 170,719 filmkien ma' nefqa kapitali ta' Lm 68,500. Dan iħalli bilanċ fi tmiem is-sena finanzjarja ta' Lm 5,610.*

*Il-Kunsill unanimament approva li l-estimi kif imħejjija jitressqu għal kunsiderazzjoni tar-residenti fil-Laqgħa Annwali tal-Lokalita.*

### *56.6 Kontinwazzjoni: Proġetti Kapitali*

#### *56.6.1 Pjazza Tas-Salib*

*Il-Kunsill innota li l-Awtorita ta' l-Ippjanar approvat l-applikazzjoni tiegħu. Kien hemm qbil li dan l-proġett jinbeda fis-sena finanzjarja li jmiss.*

#### *56.6.2 Qalba taż-Żurrieq*

*Il-Kunsill inotta li għal darb'oħra l-Awtorita ta' l-Ippjanar kienet qed titlob aktar speċifikazzjoni dwar din l-applikazzjoni kif ukoll modifikazzjonijiet żgħar fil-pjanti suġġeriti mid-Dipartiment tat-Toroq.*

#### *56.6.3 Uffiċċju Amministrattiv Ġdid*

*Il-Kunsill kien infurmat li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita kienet approvat l-applikazzjoni tal-Kunsilll u li din issa ser tidher quddiem il-Bord ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar fi żmien qasir.*

### *56.6.4 Tal-Bebbux I*

*Il-Kunsill innota li ma kien hemm l-ebda żvilupp min-naħa ta' l-Enemalta dwar ix-xogħlijiet li ser isiru fl-inħawi, Kien għalhekk deċiż li tintbagħat ittra lic-Chairman biex isir eżattament magħruf x'ser jitwettaq.*

### *56.6.5 Formazzjoni ta' toroq*

*Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li wara laqgħa li kellha mal-Perit ikkonċernat, ġiet infurmata li kien iminenti li tinħareġ is-sejħa għall-offerti mid-Dipartiment tat-Toroq għax-xogħlijiet fi Triq Matteolo Saliba, Triq il-Kanġu, Triq ta' Ciantar, Triq il-Bebbux u parti minn Triq il-Kanonku Vinċenz Blazan. Semmiet ukoll li kienet ser titlob laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment sabiex ix-xogħol jitwettaq fl-iqsar żmien possibli.*

## *56.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' xogħlijiet*

### *56.7.1 Xiri ta' siġġijiet*

*Il-Kunsill approva li jinxtraw erbgħin siġġu għas-sala ta' l-uffiċċju l-ġdid mingħand St Joseph Woodworks għall-ammont totali ta' Lm 212.00c.*

### *56.7.2 Donazzjoni għal Jum il-Premjazzjoni*

*Il-Kunsill approva donazzjoni ta' għaxar liri lill-Iskola Fra Diego Bonanno fl-okazzjoni ta' Jum il-Premjazzjoni.*

### *56.7.3 Xiri ta' siġar*

*Il-Kunsill approva li jinxtraw siġar oħrajn għal dawk li ġew misruqa mill-picnic area li tinsab fi Triq Wied iż-Żurrieq.*

### *56.7.4 Xogħlijiet Oħra*

*Il-Kunsill approva li ssir manutenzjoni ta' bankina fi Triq San Pawl kif ukoll xogħlijiet ta' nstallazzjoni ta' manhole covers fi Triq PP Pullicino.*

*Kienu approvati wkoll ordnijiet oħra ta' xogħol u akkwist ta' servizzi li saru matul ix-xahar ta' Frar, li lista tagħhom hi anessa ma' dawn l-minuti.*

## *55.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskedi ta' Pagamenti*

*Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-iskeda ta' pagamenti, ħlas ta' overtime lill-impjegati tal-Kunsill kif ukoll il-Petty Cash Account għax-xahar ta' Jannar .*

*KLZ08/02 Il-Kunsillier Emanuel Briffa ressaq din il-mozzjoni:*

*"B'riżultat tad-diskussjoni li saret, il-Kunsill japprova l-ħlas lura tal-Petty Cash għall-ammont ta' Lm60.24, ħlas lill-impjegati tal-Kunsill għal overtime imwettaq matul ix-xahar ta' Jannar u li jammonta għal Lm Lm8.52c kif ukoll l-iskedi ta' pagamenti li jlaħħaqu għal Lm 12,672.80c."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u approvata nem.con.*

*Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-8.50 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum ____ ta' Marzu, 2002*

*Antonia Farrugia*
***Sindku***

*Adrian Mifsud*
***Segretarju Eżekuttiv***